MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Numru 344/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Martin Sammut]**
**vs**
**Dr. Alfred Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Dr. Alfred Grech ta’ 59 sena iben Lawrence u Rita nee’ Grech, imwieled Kerċem fit-18 ta’ Jannar 1952 u joqgħod The Plough, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Għawdex, detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-Numru 5952G quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

F’ dawn il-Gzejjer fit-2 ta’ Jannar, 2011 wara nofsinhar mill-inhawi ta’ Ghawdex:-

1. Ta fastidju sesswali lill-persuna ta’ Julia Farrugia fejn assoġġetta lil Julia Farrugia għall-għemil ta’ xi att jew it-twettieq ta’ xi mġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem mitkellma, mossi jew l-għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampi jew xi

materjal ieħor, ċioe` permezz ta’ sms mibgħuta fuq il-mobile phone ta’ Julia Farrugia li jġib in-numru 79427842 meta l-att, il-kliem jew l-imġieba ma għogbux lil Julia Farrugia u li setgħu raġonevolment jitqiesu bħala li huma offensivi, umiljanti jew intimidatorji fir-rigward ta’ Julia Farrugia.

2. Talli fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta’ xi network jew apparat ta’ kommunikazzjoni elettronika, cioe mobile phone li jintuża b’MSISDN 79823633 għamel użu mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’kas ta’ ħtija titratta lill-imputat bħala reċidiv u tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna ta’ Julia Farrugia jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku u flimkien mal-piena torbot lill-persuna imputata, lil Dr. Alfred Grech LL.D. b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taħt penali ta’ somma flus.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Gunju, 2012 li biha l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mill-ewwel akkuża, sabitu ħati tat-tieni u kkundannatu għal ħlas ta’ multa ta’ tlett elef euro (€3000) u inoltre, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, rabtet lill-ħati b’garanzija taħt penali ta’ €500 sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lil Julia Farrugia u dan għal żmien sena mid-data tas-sentenza u finalment .ordnat li kopja tas-sentenza tiġi kkomunikata mir-Reġistratur lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

**3.** Rat ir-rikors tal-appellant Dr. Alfred Grech minnu ppreżentat fit-28 ta’ Ġunju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u ta’ l-addebitu tar-reċidiva u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża inkluża id-depożizzjoni ta’ Noel Scerri, tal-Fondazzjoni Oasi li xehed quddiemha; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**5.** Il-fatti ta’ dan il-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fil-ġurnata tat-2 ta' Jannar 2010 Julia Farrugia rċeviet fuq il-mobile tagħha messaġġ minn numru ieħor ta' mobile li minnu hi qatt ma kienet irċeviet messaġi jew bagħtet messaġġi lejh. Il-messaġġ kien jesprimi x-xewqa da parti ta' min bagħtu li jmiss lill-istess Farruġia fuq sidirha u kien segwit b'ittri li komunement ifissru bews. Dan il-messaġġ Farruġia qiesitu offensiv u sabiex ma tinkoraġġixxix lil min bagħat il-messaġġ wieġbet il-messaġġ b'ton kjarament offiż billi saqsiet min kien li kien bagħat il-messaġġ. Wara ftit aktar minn siegħa rċeviet risposta bl-istess ton offensiv ta' qabel. In-numru tal-mobile li minnu oriġinaw l-messaġġi offensivi msemmija ġie rintraċċjat bħala li jgħajjat lill-imputat li meta ġie interrogat mill-pulizija aċċetta li kien hu li bagħat l-istess messaġġi.

**6.** L--aggravju tal-appellant Dr. Alfred Grech jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellant il-Qorti tal-Maġistrati interpretat ħażin il-portata tal-paragrafu (c) ta' l-artikolu 49 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettorniċi (Kap. 399) li, skont l-appellant u bl-applikazzjoni tar-regola tal-*eiusdem generis* ma hu xejn ħlief aspett ieħor tar-reati kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tal-istess artikolu u ċioe' aspett ieħor ta' għemil konsistenti f' theddid jew kliem malfamanti mentri l-messaġġi in kwistjoni jikkonsistu biss fi kliem vulgari.

Ikkunsidrat:

**7.** Il-fatti tal-każ ma humiex kontestati u jikkonsistu essenzjalment f'dawk ġia rikapitulati aktar 'l fuq f'din is-sentenza. L-appellant isostni li l-kliem użat fil-messaġġi li ntbagħtu minnu lil Julia Farrugia ma jikkonsistux f'theddid iżda jikkonsistu sempliċement fi kliem vulgari. Għandu jingħad li l-kombinazzjoni taż-żewġ messaggi in kwistjoni[1] verosimilment jammontaw għal theddida ta' għemil żieni fuq il-persuna ta' Julia Farrugia li kien jirrażenta t-theddida ta' attentat vjolenti għall-pudur. Għalhekk, anki jekk l-appellant jingħata raġun fuq it-tifsira tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 49 tal-Kap. 339 il-messaġġi in kwistjoni jinkwadraw perfettament fl-istess paragrafu (ċ) kif mfisser minnu stess. Għandu jiżdied, b'danakollu, li l-paragrafu (ċ)

[1] L-ewwel wieħed kien jikkonsisti fi "Li kieku nmisslek iż-żejżiet" u t-tieni wieħed fil-kelma "Nikilulek".

msemmi ma jistax jiġi ristrett ghal theddid u ingurji kif jippretendi l-appellant għaliex ir-regola *eiusdem generis* applikata għall-paragrafu (ċ) għandha l-effett li testendi l-portata tal-paragrafi preċedenti u għalhekk l-għemil previst fil-paragrafu (ċ) ma jistax ikun identiku għall-għemil previst fil-paragrafi (a) u (b) għaliex altrimenti l-paragrafu (ċ) jkun superfluwu.

**8.** L-artikolu 49 tal-Kap. 339 jipprovdi kif ġej:

**49.** Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –
(*a*) jhedded li jagħmel xi reat; jew
(*b*) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew
(*ċ*) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,
ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

**9.** L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu <u>ieħor</u> mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis,* huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u

għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.

**10.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jaċċenna għall-artikolu 7 tal Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li skont l-appellant jeħtieġ li l-liġi li tikkostitwixxi reat tkun waħda aċċessibbli u ċara u li jkun hemm dak li jissejjaħ *legal certainty* u jsostni li l-interpretazzoni mogħtija mill-ewwel Qorti kienet twassal sabiex dak il-*legal certainty* jiġi nieqes.

**11.** Il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali tagħna[2], iżda, rritenew li ċ-ċertezza tal-liġi penali ma tfissirx li dik il-liġi ma tistax tirrikorri għal kategorizzazzjonijiet ġeneriċi jew għal termini li jistgħu jitqiesu ftit jew wisq vagi fejn l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi tkun tiddependi mill-prattika u mid-deċiżjonijiet li jagħtu l-qrati li jfissru dik il-liġi[3].

**12.** In kwantu għall-piena, l-appellant ipproduċa lil Noel Scerri tal-Fondazzjoni Oasi sabiex jipprova li fl-2002 l-appellant kellu problema tal-alkoħol iżda ma kompliex ifittex l-għajnuna tagħhom u li fi Frar tal-2011 kien reġa mar għandhom jitlob l-għajnuna tagħhom għall-istess problema. Ma ġie sollevat ebda aggravju fis-sens li s-sokor li seta kien ibati minnu l-appellant b'xi mod kellu xi effett fuq il-kapaċitajiet tal-appellant *di intendere e di volere* ħlief li forsi seta' kien hemm xi effett ta' rilassament tal-kontrol tal-inibizzjonijiet li setgħu iżommuh lura mill-għemil inkriminat. Din il-Qorti, iżda, ma hix preparata li

[2] Ara Q Kos Edmond Espedito Mugliett v Avukat Ġenerali, 28/9/2012, # 40 u s-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu hemm ċitati

[3] Q Kost Peter Borg v Avukat Generali, 13/6/2011; Concetta Decelis et v Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et. 2/5/2011 u s-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu fihom ċitati.

taċċetta din bħala raġuni sabiex timmitiga l-piena fil-konfront ta’ avukat li messu jaf ferm aħjar u li ċertament messu se mai fittex l-għajnuna tempestivament u ppersevera fit-tentattivi tiegħu sabiex jeħles mill-problema tal-alkoħol kif illum jidher li rnexxilu li jagħmel u li l-Qorti tawguralu li jkompli fit-triq ta’ riabilitazzjoni li qabad. Il-Qorti, iżda, ma tistax tittraskura l-gravita’ tal-fatt u tikkondividi pienament il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-piena li ġia kienet benevoli mal-appellant meta ddeżistiet milli timponi fuqu piena restrittiva tal-liberta’ fid-dawl tal-fedina penali tiegħu li timmanifesta atteġġiament da parti tiegħu ripetutament dispettuż lejn l-awtorita’ tal-liġi u lejn l-awtoritajiet pubbliċi kostitwiti u li hu partikolarment deplorevoli meta ġej minn avukat.

Għall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Dr. Alfred Grech qiegħed jiġi respint u s-sentenza appellata konfermata fl-intier tagħha.

Il-Qorti tordna lill-imputat Dr. Alfred Grech iħallas il-multa imposta fuqu b’din is-sentenza ratealment bir-rata ta’ mitejn euro (€200) fix-xahar bl-ewwel pagabbli fl-1 ta’ Awwissu 2013, b’dan li fin-nuqqas ta’ pagament anki ta’ rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih u għandu jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta’ ġurnata priġunerija għal kull hamsa u tletin euro (€35) jew parti minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------